# QAWSALLA

Issue no.1/2005

**Pg.1** Merhba – minn Marcel Pisani – Chief Operations Officer;

Ricerka dwar il-hajja emozjonali tal-persuni b'dizabilita'

Poezija – 'Instead' ta' Hogan Hilling

**Pg.2** l-accessibilita fil-kommunita';

Artiklu – ta' Omar jelassi;

Kalendarju – Hbieb ta' l-Agenzija

**Pg.3** Esperjenza fil-Germanja – ta' Joanne Rizzo

**Pg.4** Aspetti Fundamentali ghal Diar

***MERHBA – minn Marcel Pisani***

Huwa l-pjacir tieghi li nintroduci l-ewwel harga tal-fuljett 'Qawsalla. L-iskop wara din il-pubblikazjoni huwa li l-hidma tal-Agenzija SAPPORT tkun aktar maghrufa maghkom il-klijenti tal-Agenzija kif ukoll genituri, qraba jew hbieb tal-klijenti taghna jew persuni u organizazzjonijiet ohra b'interess f'dan il-qasam.

Minn barra dan l-iskop ahna nixtiequ inwasslu wkoll il-hsibijiet u x-xewqat taghkom ghall-attenzjoni tal-ohrajn kif ukoll nixtiequ li dan il-fuljett ikun mezz biex intom taqsmu maghna jew ma min jarah id-diffikultajiet taghkom, is-suggerimenti jew, ghaliex le, xi kritika wkoll.

Insomma li wiehed jaqsam ma haddiehor dak li jhoss minbarra li jzommna aggornati u infurmati huwa wkoll mezz sabih ta' kif ahna nikkomunikaw flimkien biex nilhqu dak li naspiraw ghalih, jigifieri li ntejbu l-kwalita' tal-hajja ta' persuni b'dizabilita'. Nawgura li dan kollu dan il-fuljet jirnexxielu jwassalulkom. Niehu l-okkazjoni biex nixtiew il-kulhadd is-sena gdida mimlija barka u

RESEARCH ARTICLE

***INSTEAD – ta' Hogan Hilling (U.K)***

*Instead of walking with you,*
*I will crawl with you.*
*Instead of talking to you,*
*I will find ways to communicate with you.*
*Instead of isolating you,*
*I will create adventures for you.*
*Instead of focusing on what you cannot do,*
*I will reward you with love for what you can do.*
*Instead of feeling sorry for you,*
*I will respect you.*

*******

Created by Neevia docuPrinter trial version

## *ESPERJENZA FIL-GERMANJA – Joanne Rizzo*




*Kienet sorpriza kbira ghalija meta gejt ma*
*minn fost is-support workers sabiex*
*Cologne, il-Germanja, ghal zjara relatata m*

*xoghol, ma kollegi ohrajn kif*

*ukoll ma' xi residenti minn ta'*

*l-Agenzija.*

Kienet esperjenza li ahna lkoll qsamna ma' nies minn pajjizi ohra fosthom l-Ingilterra, il-Grecja u l-Germanja, li jahdmu fl-istess qasam taghna. Gejna milqugha tajjeb hafna u sibna hafna ghajnuna u sapport.

Waqt din iz-zjara kellna l-opportunita' li nzuru postijiet sbieh, fosthom il-Muzew ta-cikkulata, il-Kattidral, iz-Zoo kif ukoll morna dawra bil-coach. Darba minnhom morna naghmlu zjara lis-sindku tal-post fejn konna, u bhal kull pajjiz iehor li kien qed jiehu sehem, ipprezentajna lis-sindku bukkett fjuri. Wiehed mir-residenti li tela' maghna kellu l-birthday u b'sorpriza ghal kulhadd, dan gie moghti rigal. Post iehor sabih li zorna kien id-Drama and Art School fejn ir-residenti taghna kellhom l-opportunita' li jesprimu l-emozzjonijiet taghhom permezz ta' drama u arti.

Zewg postijiet li lili laqtuni hafna kienu dar residenjali ghal persuni b'dizabilita' u Day Centre li tant kien kbir li tista tghid li qisu fabbrika, fejn in-nies li jattendu jahdmu regolarment. Id-dar residenzjali laqtitni ghal mod kif inhi attrezzata biex il-hajja ta' kull resident tkun aktar facli. Gewwa din id-dar kull resident jista' jaghraf il-kamra tieghu jew taghha permezz ta' maduma kulurita differenti quddiem kull flat. F'din id-dar hemm ukoll rokna li tissejjah 'snoozleen' fejn ir-residenti jistghu jirrilassaw permezz ta' muzika, dawl u materjal iehor li jinsab f'din ir-rokna. F'din id-dar ir-residenti jistghu jghixu mal-partners taghhom ukoll.

Id-Day Centre laqatni ghal mod kif kull min jahdem fih deher responsabbli hafna ghal dak li kien qed jaghmel kif ukoll laqtitni l-attitudni posittiva li kellhom dawn il-haddiema. Ix-xoghol li jsir f'dan id-day centre jghin lil dawn il-persuni biex ikunu indipendenti. L-uniku zvantagg li forsi ghandu dan id-day centre hu li l-persuni li jahdmu hemm jinqatghu xi ftit mil-bqija tas-socjeta'.

Din kienet esperjena posittva hafna ghalija u nixtieq li ma tkunx ta' l-ahhar ghaliex huwa mod kif wiehed jakkwista taghlim u esperjenza minn pajjizi ohra li ilhom jahdmu f'dan il-qasam ghal hafna snin.




*raymond cauchi/ mariella cardona/ brian gauci/ claudio borg/ claudio camilleri/ karen ciantar/ bernard fsadni/ rosette said serreo/ sandy sammut/ christian cilia/ leanne agius/ rita borg/ frans camilleri/ erica abela/ josef cassar/ vinnie coppola.*



Created by Neevia docuPrinter trial version

*********************

*PERSUNA LI GHANDHA DIZABILITA' GHANDHA GHAJNUNA U SAPPORT BIZZEJJED BIEX TKUN TISTA ISSEGWI IL-PASSATEMPI TAGHHA?*







## <u>HBIEB TA' L-AGENZIJA SAPPORT</u> – *Adelina Pisani*

L-Ghaqda Hbieb ta' l-Agenzija SAPORT giet imwaqqfa fl-20 ta' Marzu 2003. L-ghanijiet principali ta' l-Ghaqda huma:- li norganizzaw attivitajiet socjali, edukativi, sportivi, kulturali u rikrejattivi sabiex jigu generati fondi ghal Agenzija SAPPORT. L-Ghaqda isservi ukoll bhala holqa ta' komunikazjoni bejn il-genituri, qraba u 'carers' ta' persuni b'dizabilita' fi hdan l-istess Agenzija sabiex ikunu jistghu jitressqu proposti, lmenti u suggerimenti. L-Ghaqda toffri ukoll sapport sabiex tkun tista titqajjem kuxjenza socjali. Il-Kumitat ta' l-Ghaqda jikkonsisti minn Francis Ripard – President, Victor Ellul – Vici President, Adelina Pisani – Segretarja, Antoinette Vella – Ass.Segretarja, Alfred Scicluna – Tezorir, Monica Attard – Membru – co-opted. Mill-Agenzija hemm Joe Borg u Sabrina Persiano.

| | | |
|---|---|---|
| Attivitajiet: | 10 ta' Jannar 2005 | Coffee Morning fic-Centru Civiku B'kara; |
| | Ghall-ahhar ta' Jannar | *talk* minn dietition fuq ikel aktar sustanzjuz; |
| | Frar 2005 | Ballu tal-Karnival ghal klijenti u residenti ta' l-Agenzija u membri ta' l-Ghaqda u Coffee Morning iehor. |
| | Frar/Marzu | Annual General Meeting |
| | Marzu 2005 | Party ghal Easter. |

*<u>Ghal aktar informazzjoni dwar l-Ghaqda tistghu iccemplu fuq 21488772/99282066 jew tiktbu lil Adelina Pisani 'Shuns Place', Triq I.S.Mifsud, B'Kara. BKR 06.</u>*

**<u>ESPERJENZA PERSONALI</u>** – Jiena, Lina Apap u zewgi Pawlu ghandna zewg subien li jisimhom Mark u Joseph. Bhal kull koppja ohra, xtaqna li nizzewgu u nibnu familja izda qatt ma hlomna minn xiex kellna nghaddu matul il-hajja mizzewga taghna. Sentejn wara li izzewwigna kellna l-ewwel tarbija – kellna lil Mark. Gieb mieghu hafna ferh imma ftit konna nobsru li kellna nitilghu hafna tlajjiet li hafna drabi kienu weqfin hafna ghalina. Bdejna insiefru l-Ingilterra ghal kura ghal Mark meta dan kellu biss 8 xhur u meta kellna lil Joseph, bdejna nitilghu bih ukoll. B'kollox sifirna 26 darba bihom ghal kura. Dejjem ippruvajna naghmlu dak kollu li kien possibli sabiex lil uliedna narawhom kuntenti. Mhux dejjem irnexxielna.

It-tfal taghna qatt ma gergru fuq is-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha. Dejjem accettaw il-kundizzjoni taghhom u dejjem talbu ghal haddiehor ukoll. Ahna bhala genituri konna inhosuna mdejqin meta f'leqqel tas-sajf it-tfal kienu jkunu bil-gibs minn ghonqhom sa gembejhom biex jiddrittalhom darhom u ahna ma stajna naghmlu xejn biex intaffulhom ftit mill-fatt li ma setghux jinzlu imqar il-bahar. Jien u zewgi konna nibku minn gewwa biex lilhom ma naqtawlhomx qalbhom u biex naghmlu kuragg lil xulxin ukoll. L-inkwiet taghna dejjem ipprezentajnieh lil Alla, l-aktar fejn konna nhossu t-toqol jizdied. Hu biss zammna ghaddejjin. B'ghajnuna t'Alla konna nipprivaw neghlbu ostaklu wara l-iehor. Fit-tfal dejjem sibna dik ix-xi haga li juru gratitdni u dejem fahhru l-Alla anke ghall-affarijiet li ghal haddiehor forsi huma zghar. Meta Mark kellu 18-il sena il-Mulej ghogbu jsejjahlu ghal hdejh u propju fid-29 ta' Dicembru 2004 huwa ghalaq 10 snin li mar jippreparalna it-triq ghal hdejn il-Mulej. Il-firda fizika kienet u ghada insopportabbli, imma nemnu li Mark qieghed igawdi l'Alla u li qieghed izomm harstu fuqna minn Hdejh. Joseph ghamel hafna progress fejn irnexxielu jispicca l-iskola u ghamel ukoll l-ezamijiet ta' l-ECDL u ghadda minnhom kollha. Il-holma tieghu issa hija li jsib xoghol sabiex ikun jista jghix il-hajja ta' kull guvni. Kien it-talb li zammna b'sahhitna filwaqt li dejjem zammejna lil Alla fic-centru ta' hajjitna.

Meta bdejna nahsbu li l-ostakli qeghdin jonqsu sirna nafu li jiena kelli breast cancer. Kellna mumenti ta' disprament kbir izda bl-ghajnuna t'Alla anke din il-problema bdiet itaffi ftit ftit. Ahna dejjem ittamajna fil-Mulej u t-tfal atghna ghallmuna hafna wkoll. Meta timrad tfittex tabib biex ifejqek izda meta tiddispra Alla biss jista jfejqek. Hu biss jista jaghtik il-paci u ta' dan ahna xhieda – li l-paci f'qalbek fil-Mulej biss issibha. Jien konvinta, u zewgi jaqbel mieghi ukoll, li, likieku il-Mulej jaghtini cans li nerag nitwieled mill-gdid, nitolbu jaghtini l-istess familja li ghandi.

Created by Neevia docuPrinter trial version

## *IL-BZONNIJIET FUNDAMENTALI BIEX DJAR RESIDENZJALI JIRNEXXU*

1. Kull persuna ghandu jkollha d-dritt li tigi trattata b'dinjita' u rispett;
2. Qabel ma persuna tidhol go dar residenzjali ghandha d-dritt li tkun infurmata bir-regoli kollha tal-post u rigward il-flus taghha;
3. Ghandha dritt ghal informazzjoni fuq l-options kollha dwar it-trattament taghha;
4. Ghandha dritt ghal ghazla fl-aspetti kollha tal-hajja fid-dar li huma importanti;
5. Dritt li izzomm l-affarijiet personali taghha;
6. Li tkun libera minn medicini zejda li ma jkolliex bzonn;
7. Id-dritt li tamministra il-flus taghha;
8. Li ma tkunx umiljata bl-ebda mod;
9. Li tista tesprimi liberament l-emozzjonijiet taghha;
10. Dritt ghal privatezza u ghal kunfidenzjalita fuq l-informazzjoni personali taghha u li tkun tista tara u zzur lil min trid;
11. Li jkollha access ghal uzu privat tat-telefon;
12. Dritt li tkun tista tibghat u tircievi posta privata minghajr ma din tigi miftuha;
13. Li tkun tista tippartecipa f'attivitajiet socjali, religjuzi u komunitarji minghajr ma ddejjaq lil ohrajn;
14. Li tkun tista torganizza u tkun attiva f'gruppi tal-familji.

Il-bzonnijiet fundamentali tad-djar residenzjali jintlahqu meta:

1. Persuna ma ssirx qisha biss numru;
2. Is-servizz ikun personalizzat;
3. Il-kuntatt mad-dinja ta' barra jinzamm b'mod shih;
4. Persuna ma tghaddix granet shah ticcassa minghajr kuntatt uman;
5. Ma tigix ikkmandata mill-istaff gewwa darha stess – izda tkun tista tiehu decizzjonijiet taghha hi stess;
6. Izzomm il-hbieb taghha.

*Kull min jithajjar jikteb xi artiklu fuq din in-newsletter kull ma jrid jaghmel huwa li jibghat l-artiklu f'dan l-indirizz: AGENZIJA SAPPORT, TRIQ IR-REGIMENTI MALTIN, MTARFA, u jindirizzah lil Mariella Cardona. L-iskop ta' din in-newsletter huwa li naqdu is-servizzi ta' l-agenzija flimkien ghalhekk nilqghu kull suggeriment dwar kif nistghu dejjem naghmlu din in-newsletter wahda isbah minn ohra. Barra minnhekk, min irid jaqra l-artiklu shih li hemm fl-ewwel pagna jista jarah fl-ufficju ta' Mariella Cardona jew jitlob kopja tieghu lilha stess.*

*QAWSALLA/QAWSALLA/QAWSALLA/QAWSALLA/QAWSALLA/QAWSALLA*

*Mariella Cardona/ Clifford*

Created by Neevia docuPrinter trial version